**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU WIEĦED U GĦOXRIN**

**9 ta' JANNAR, 2011**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.40 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**21.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

21.1.1 Fir-rigward ta' punt 20.1.2 kien hemm qbil li jkun mistieden għas-seduta li jmiss il-kuntrattur tal-knis biex jiġu diskussi xi nuqqasijiet.

21.1.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li hemm bżonn li l-Kumitat Amministrattiv jagħmel it-tabelli ta' direzzjoni hu, fi Triq San Martin fejn sar il-proġett mit-TM għax qed ikun hemm kunfużjoni sħiħa tat-traffiku.

Kien hemm qbil fuq dan.

21.1.3 Il-minuti tas-seduta numru 20 ġew approvati.

***21.2*** ***Kommunikazzjoni miċ-Chairperson***

21.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li ġie avviċinat minn tabib li ser jiftaħ klinika fi Triq ir-Rettur u ntalab sabiex issir rampa għall-persuni b'diżabilta' fuq il-bankina tal-istess klinika mill-

istess propjetarju u biex issir parking bay riservata għat-tabib.

Kien hemm qbil li jintalbu l-permessi meħtieġa mit-TM fuq il-parking bay u li r-rampa ssir mill-propjetarju stess.

21.2.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li art fi Triq Fra Gammari Zammit k/m Triq it-Torri ngħatat bħala *grant* għal €50 fis-sena, lill-Kunsill Lokali Żurrieq biex ikun jista jieħu ħsiebha l-Kumitat Amministrattiv. Hu żied jgħid li l-pjanta li kien ħejja l-Perit Bezzina għall-iżvilupp tal-istess art tinsab għall-approvazzjoni tal-MEPA.

Il-membru Joseph D'Amato qal li hu ma jaqbilx li l-Kumitat Amministrattiv għandu jħallas għal art li suppost jieħu ħsiebha l-Gvern Ċentrali. Hu żied jgħid li l-Gvern wiegħed li f'din is-sena jagħmel it-toroq tal-madwar bit-tarmakk għalhekk ikun filwaqt ukoll li jagħmel l-art inkwestjoni.

Il-kumplament tal-Kumitat Amministrattiv ma qabilx mal-membru Joseph D'Amato u qablu li jippreferu li l-Kumitat iħallas €50 u jagħmel tindif u żvilupp tal-akwata milli jħalli l-art mitluqa b'inkonvenjent għar-residenti tal-akwata.

## *21.3 Riċeviment tal-Milied għat-tfal*

21.3.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li r-riċeviment tat-tfal li sar nhar 19 ta' Diċembru, kien suċċess kbir u t-tfal kollha dehru li ħadu gost u kien hemm parteċipazzjoni kbira.

Hu ssuġġerixxa biex għal sena oħra jsiru biljetti, li dawk li jħallsu jkunu jridu juru waqt ir-riċeviment, biex ma jiġrix bħal ma sar f'din is-sena li x'aktarx kien hemm min daħal fir-riċeviment mingħajr ma ħallas.

Kien hemm qbil fuq dan.

Kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv jibgħat ittra ta' ringrazzjament lil kull min ta l-għajnuna tiegħu biex ir-riċeviment setgħa kien suċċess, fosthom lid-Dulli, lil Skutu, lil sid l-Aida Hall u lil min ta xi donazzjonijiet.

## *21.4 Tieġ Malti*

21.4.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra għal din is-sena reġgħa ingħata l-ammont ta' €2,000 taħt l-iskema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2012 li għaliha l-Kumitat applika għat-Tieġ Malti. Hu żied jgħid li d-data tat-Tieġ Malti ġiet approvata għat- 12 ta' Mejju, 2012.

## *21.5 Patching*

21.5.1 Kien hemm qbil li jsir patching f'side road fi Triq Santa Marija, fil-parti fejn sar xi tindif tard is-sena l-oħra.

Kien hemm qbil li ssir lista ta' toroq li għandhom bżonn patching u issir works order lill-kuntrattur.

21.5.2 Kien hemm qbil li tinkiteb ittra ta' twissja lill-Kuntrattur li jagħmel ix-xogħol ta' patching biex fejn ikun hemm bżonn li jsir hot asfalt, isir hot asfalt u fejn ikun hemm bżonn cold asfalt, isir cold asfalt, minħabba li kien hemm xi ilmenti li mhux qed isir xogħol kif suppost. Barraminhekk il-kuntrattur qed iħalli ħafna xogħol b'lura u jdum biex jagħmel xogħlijiet ta' bankini.

## *21.6 Laqgħa Annwali tal-Ħamlet ta' Bubaqra*

21.6.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qara r-rapport imħejji minnu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tax-xogħlijiet li saru tul is-sena 2011. Dok 21 A.

Kien hemm qbil fuqu u kien hemm qbil li jitwaħħlu avviżi fin-notice board tal-knisja ukoll, barra li navżaw lill-Arċipriet biex jagħmel avviż fuq l-artal.

## *21.7 Ilmenti u Suġġerimenti*

21.7.1 Il-membru Joseph Caruana qal li l-bozoz li kellhom jispustjaw ruħhom fi Triq San Martin għadhom ma ġewx irranġati. Kien hemm qbil li tintbgħat reminder.

21.7.2 Il-membru Joseph Caruana qal li reġgħa sar it-tapit bit-terrapien biex iservi bħala dorga għall-ilma fi Triq Bubaqra. Kien hemm qbil li jerġa jsir rapport lill-ispettur tal-pulizija u jinżamm responsabbli għal kull inċident li jista jinqala. Kien hemm qbil li l-azzjoni għandha tittieħed b'azzjoni u mhux bil-kliem.

Hu żied jgħid li fl-istess triq hemm ħajt għoli ta' għalqa li jinsab perikoluż ħafna għax qed jiddeterjora.
Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lill-Mepa u lill-Pulizija fuq il-każ.

21.7.3 Il-membru Joseph Caruana qal li hemm bżonn li jsiru double yellow lines fil-kantunieri ta' Triq San Martin minħabba li bil-vetturi pparkjati fil-kantunieri mhux qed ikun hemm viżibilta' tajba għas-sewwieqa.

Kien hemm qbil li jsiru l-linji skond kif titlob il-liġi.

21.7.4 Il-Viċi Chairperson Marija Schembri ġibdet l-attenzjoni li

hemm bżonn li jinqata' l-ħaxix fi Triq Kalang Bugeja u li jsir patching fi Triq San Iljun.

Kien hemm qbil fuq dan.

21.7.5 Il-membru Annetto Bugeja qal li kuntrattur li kien qed jagħmel xi xogħol f'bini residenzjali fi Triq in-Nigret, għamel rampa fi Triq Santa Fawstina biex ikun aktar konvenjenti għalih biex jaħdem u tali rampa ħallieha hemm għalkemm lesta x-xogħol.

Kien hemm qbil li min għamel ir-rampa jiġi kkuntatjat.

21.7.6 Il-membru Annetto Bugeja qal li hemm bżonn aktar dawl fi Triq it-Tin għax tinsab mudlama.

Kien hemm qbil li min jaċċetta li titwaħħal lampa ġdida mar-residenza tiegħu jiffirma l-applikazzjoni, sabiex tali talba tiġi pproċessata.

***21.8 Appuntament għas-seduta li jmiss***

21.8.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar it-Tnejn 30 ta' Jannar 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija.

21.8.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fit-7.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Jannar, 2012.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**